# Il-Kappella tal-Madonna ta' Loretu fir-Rabat

***Lorenzo Zahra***



Ħaġa ta' interess fil-ġrajjiet mgħoddija huwa fatt li l-qima lejn il-Madonna ta' Loretu li llum għandna waħda mill-paroċċi dedikati b'dan it-titolu ġewwa Għajnsielem Għawdex, ġa minn bosta snin ilu kienet mifruxa f'dawn il-gżejjer.

Dan il-għaliex jidher ċar illi fil-knisja tad-Dumnikani fir-Rabat, jiġifieri barra l-ħitan tal-Imdina, il-belt il-qadima tal-Gżira kien hemm kappella ġewwa dik magħrufa bħala l-Madonna tal- Għar li allura kienet iddedikata lill-Madonna ta' Loretu.

Dan nafuh billi Giovanni u Isabella De Nava, il-familja tal-Kastellan tal-Kastel ta' Sant' Anġlu, (il-Birgu) kienu ħallew fl-eredità tagħhom sabiex il-werrieta tagħhom ikomplu ix-xogħol li kien qed isir fil-kapella tal-Madonna tal-Grotta. Dan jidher fl-Att tat-Testment li ġie reġistrat min-Nutar Paolo Bonello fl-1 ta' Novembru 1487.

Bosta snin wara jingħad li din il-kapella ġiet dedikata mill-ġdid lill-Qaddisa Dumnikana Santa Katerina ta' Siena. Hawn irridu niftakru li l-knisja tal-Għar kienet taħt il-kura tal-patrijiet Dumnikani.

Tissemma li kien hemm xbieha ta' din il-Madonna li kienet ta' rħam li huwa maħsub ittieħdet mill-Għar għall-knisja tagħhom stess. L-istess werrieta allura mill-familja ta' Paolo Navarra li fl-1497 ħasbet u għamlet il-kodiċella fil-21 ta' Awissu 1497 (kodiċella jiġifieri emenda żieda jew tibdil) biex issir ukoll kappella bħalHa fil-Matriċi ġewwa Għawdex.

Hekk il-qima lejn il-Madonna ta' Loretu kellha għeruq fostna minn mijiet ta' snin.

Ref: Melita Sacra p.515

**Teddy Xuereb**

**'IL-QIŻŻA'**

Għall kull tip ta' xogħol ta' tqattigħ ta' blat,
tħammil, ġarr ta' materjal, mini excavators u J.C.B.





Tel: 79796060 / 21565213